



Brussell, 2 ta' Frar 2017
(OR. en)

5140/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2006/0048 (APP)**

**AVIATION 4
RELEX 14
MA 1**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	15182/16 6755/14
Suġġett:	Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Il-Ftehim imsemmi hawn fuq huwa r-riżultat tal-mandat tal-Kummissjoni (mogħti mill-Kunsill f'Diċembru 2004) biex tiftaħ negozjati mar-Renju tal-Marokk dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru (dokument 15309/04 EU RESTRICTED).
2. Fil-31 ta' Marzu 2006, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim u dwar il-konklużjoni, rispettivament (dokument 8248/06).
3. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, ġiet adottata mill-Kunsill fl-4 ta' Diċembru 2006. Il-Ftehim ġie ffirmat fit-12 ta' Diċembru 2006, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
4. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, flimkien mat-test tal-Ftehim, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fid-29 ta' Diċembru 2006¹.

¹ ĠU L 386, 29.12.2006, p. 57–88.

5. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim fit-12 ta' Diċembru 2007.
6. Il-proċess ta' ratifika tlesta mill-Istati Membri, bl-eċċezzjoni tal-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja, fl-2014.
7. Fid-19 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta emendata² għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi hawn fuq, b'mod partikolari bil-ħsieb li jitqies id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.
8. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni ddiskuta l-proposta emendata u laħaq qbil dwarha fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2016.
9. Fid-dawl ta' dak l-eżami, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill³ dwar il-konklużjoni tħejja mis-servizz legali-lingwistiku tal-Kunsill.
10. Bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni tal-Ftehim, il-Coreper huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jiddeċiedi, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, li jibgħat l-abbozz emendat ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif jinsab fid-dokument tal-Ġ/L 15653/16 kif ukoll it-test tal-Ftehim⁴ lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

² 6755/14.
³ 15653/16.
⁴ 12041/06.